**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/058 |
| **Allegazzjoni:** | Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana |
| **Ilmentatur:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 26 ta' Frar 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 30 ta' Awwissu 2024 |

**L-Ilment**

1. Fis-26 ta' Frar 2024, l-Onor. Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Ministru Miriam Dalli minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tagħha fl-14 ta' Frar 2024 permezz tad-Dipartment tal-Informazzjoni. L-ilment qed jiġi riprodott **verbatim**:

> *L-imsemmija stqarrija ġiet maħruġa mill-Ministeru mmexxi mill-Onor. Miriam Dalli wara li aktar kmieni dakinhar stess tal-14 ta' Frar 2024, ix-Shadow Minister għat-Trasport u l-Mobbiltà l-Onor. Mark Anthony Sammut u x-Shadow Minister għaż-Żgħażagħ u l-Ħolqien ta' Spazji Ġodda l-Onor. Bernice Bonello, ikkritikaw ix-xogħol doppju u dewmien eżaġerat fil-proġetti tal-Gvern u spjegaw li dan juri b'mod l-aktar ċar in-nuqqas ta' ippjanar min-naħa tal-Gvern.*
>
> *Fl-istqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fost oħrajn jingħad:*
>
> *"Kuntrarjament għal dan il-gvern, amministrazzjonijiet Nazzjonalisti abbandunaw lill-Kottonera u qatt ma ħarsu biex tassew jipprovdu proġetti ambjentali f'dawn il-lokalitajiet."*
>
> *[…]*

*"Il-Partit Nazzjonalista baqa' bl-istess strateġija. Ipprova jxewwex lin-nies fl-2019, tliet xhur qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali meta kienu qed isiru x-xogħlijiet fi Triq Rinella u qed jerġa' jagħmel l-istess illum, tliet xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2024."*

*Fil-fehma tiegħi dawn il-kummenti partiġġjani u inveritieri, kif ukoll it-ton u l-kontenut tal-imsemmija stqarrija, jammontaw għal ksur ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari fosthom:*

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

*Fid-dawl ta' dan kollu, niġbidlek l-attenzjoni għall-fatt li stqarrijiet simili għal dik tal-Ministeru mmexxi mill-Onor. Miriam Dalli diġà nstab li jiksru l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u f'dan ir-rigward ġentilment nirreferik għal dawn iż-żewġ rapporti:*

1. *Rapport dwar il-każ K/030 maħruġ nhar il-25 ta' Jannar 2021 fir-rigward tal-Ministru Silvio Schembri dwar kontenut partiġġjan fi stqarrija għall-istampa maħruġa permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni; u*

2. *Rapport dwar il-każ K/004 maħruġ nhar id-9 ta' Awwissu 2019 fir-rigward tal-Ministru Konrad Mizzi dwar il-pubblikazzjoni ta' stqarrija permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni li ma kenitx xierqa fit-ton u l-kontenut.*

*Ippermetilli nenfasizza miegħek ukoll li, fid-dawl ta' dawn iż-żewġ rapporti, il-Ministri u s- Segretarju Parlamentari żgur huma kollha konxji*

*li m'għandhomx jużaw id-Dipartiment tal-Informazzjoni biex joħorġu stqarrijiet tat-tip li diġà ġie misjub mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li jiksru l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.*

*Għalhekk fil-fehma umli tiegħi, huwa meħtieġ li dan l-aġir jiġi kkundannat u jkun hemm l-impożizzjoni ta' sanzjoni u mhux sempliċiment tiġi aċċettata xi stqarrija tal-Ministru Dalli lill-uffiċċju mmexxi minnek bħala rimedju għall-ksur ċar u manifest tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. F'dan ir-rigward fl-imsemmi rapport dwar il-każ K/030 maħruġ nhar il-25 ta' Jannar 2021 jingħad b'mod ċar li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ser jikkunsidra każijiet futuri b'mod aktar serju (ara l-paragrafu 31 tal-imsemmi rapport).*

*Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.*

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

2. Rajt l-istqarrija in kwistjoni[1] u deherli li dan l-ilment kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (it-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) li ssemmew mill-Ilmentatur.

**Il-Kuntest**

3. Fis-6 ta' Frar 2019 il-predeċessur tiegħi, Dr George Marius Hyzler, irċieva ilment kontra l-Ministru Konrad Mizzi minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tiegħu permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI). Il-

[1] Stqarrija numru PR240234, datata 14 ta' Frar 2024 u aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2024/02/14/PR240234.aspx.

Kummissarju Hyzler ikkonkluda li l-istqarrija in kwistjoni ma messiex ħarġet bħala stqarrija uffiċjali minħabba t-ton u l-kontenut tagħha.[2]

4. Il-Ministru Mizzi impenja ruħu biex jara li l-uffiċjali tiegħu ikunu aktar sensittivi għad-distinzjoni bejn materji uffiċjali u materji ta' natura privata jew partiġġjana, u ma jinqdewx mis-servizzi tad-DOI fir-rigward ta' materji ta' din in-natura. Abbażi ta' dan l-impenn, il-Kummissarju Hyzler għalaq il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

5. Fl-1 ta' Novembru 2020 il-Kummissarju Hyzler irċieva ilment kontra l-Ministru Silvio Schembri, ukoll minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tiegħu permezz tad-DOI. Il-Kummissarju Hyzler ikkonkluda[3] li din l-istqarrija kien fiha kontenut ta' natura partiġġjana li ma messux ġie inkluż. Huwa għalaq dan il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att abbażi ta' impenn da parti tal-Ministru Schembri li jagħmel kull sforz biex jevita li stqarrijiet maħruġa permezz tad-DOI inkun fihom kontenut simili. Il-Kummissarju Hyzler qal ukoll li kien bi ħsiebu jittratta każijiet simili futuri b'mod aktar serju.

6. Fiż-żewġ rapporti, il-Kummissarju Hyzler irrakkomanda li stqarrijiet maħruġa mid-DOI għandhom ikunu fattwali u mhux partiġġjani, u li għandha tiġi mfassla policy dwar x'tip ta' stqarrijiet jistgħu jinħarġu permezz tad-DOI.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

7. Fil-21 ta' Marzu 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Miriam Dalli biex jirreferilha l-ilment u jitlob il-veduti tagħha dwaru.

8. L-Onor. Dalli irrispondiet fis-17 ta' Mejju 2024 (ittra annessa bħala d-**Dokument A**) billi qalet li l-istqarrija in kwistjoni kellha l-għan li tipprovdi informazzjoni fattwali dwar diversi proġetti li qed isiru fin nofsinhar ta' Malta

---

[2] Ara r-rapport dwar il-każ K/004, maħruġ fid-9 ta' Awwissu 2019 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K004.pdf.

[3] Ara r-rapport dwar il-każ K/030, maħruġ fil-25 ta' Jannar 2021 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K030.pdf.

u n-nefqa fuqhom, materja li ma hemmx dubju li hija fl-interess pubbliku, u minħabba f'hekk l-informazzjoni inħarġet mid-DOI. Kompliet tgħid hekk:

> *Jiena nirrispetta d-dritt tal-membri tal-Oppożizzjoni li jikkritikaw l-operat tal-Gvern, anke jekk dan isir b'mod mill-aktar partiġġjan. Mill-banda l-oħra nħoss li huwa l-obbligu tal-Ministeru tiegħi li nindirizza l-għoti ta' informazzjoni skorretta, partikolarment meta din tkun qed tgħawweġ fatti fuq l-operat u l-proġetti tal-Ministeru li mmexxi.*
>
> *Iz-zewg siltiet qosra mill-istqarrija li dwarhom ġibed l-attenzjoni l-ilmentatur kienu maħsuba sabiex tikkoreġi l-informazzjoni żbaljata u tiddefendi l-prestazzjoni tal-Gvern. Ir-referenza għal amministrazzjonijiet ta' żminijiet oħra saret sabiex twieġeb lill-Oppożizzjoni u toħroġ paragun ċar bejn sitwazzjonijiet differenti.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, inħoss li t-tweġiba tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir kienet waħda proporzjonata biex twieġeb u tesponi l-metodi użati mill-Oppożizzjoni fil-konferenza tal-aħbarijiet u l-istqarrija. L-Oppożizzjoni Nazzjonalista kienet qed tikkritika l-ħidma li saret mill-Ministeru, u kien għalhekk li r-risposta ħarġet mill-Ministeru.*
>
> *Inħoss li bl-ebda mod waqt il-kitba u l-pubblikazzjoni ta' din l-istqarrija ma ssottovalutajt jew inqast il-prinċipju tal-imparzjalità tas-servizz pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi. Fil-ħidma tiegħi nagħti l-kunsiderazzjoni kollha li hemm bżonn, inkluż tal-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fil-Ministeru li mmexxi u lil hinn, kif mitlub f'artikolu 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. Barra minn hekk, l-informazzjoni li pprovda l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir bl-ebda mod ma tnaqqas mir-rispett lejn il-prinċipju tal-imparzjalità tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.*

9. Il-Ministru kkonkludiet billi qalet li tħoss li l-istqarrijiet li joħorġu mill-ministeru jixhdu dan, u li hija se tagħmel l-almu tagħha sabiex tassigura li l-komunikazzjoni li toħroġ mill-ministeru ma jkun fiha xejn li jista' jiġi interpretat bħala ton partiġġjan, irrispettivament miċ-ċirkostanzi.

**Konsiderazzjonijiet**

10. L-esponent wara li eżamina l-kontenut tal-istqarrija in kwistjoni wasal għall-konklużjoni li hemm partijiet minnha – senjatament li jagħmlu riferenza għall-partit fl-oppożizzjoni – li jesorbitaw minn dak li għandu jkun kontenut fi stqarrijiet uffiċjali maħruġa minn dipartiment governattiv. Jidher li anke l-Onor. Ministru irrikonoxxiet dan fl-aħħar parti tar-risposta tagħha appena iċċitata fil-paragrafu preċedenti.

11. Fir-rapport dwar il-każ K/030 deċiż mill-predeċessur tiegħi li ssemma mill-Ilmentatur, kien ġie dikjarat illi:

> *25. The statements in question should not have been published by the Department of Information in the first place. The failure of the department to request a revision of the section containing partisan and political statements, does not relieve the Minister from his obligation to ensure that only statements with comprehensive and meaningful information on Government policies, services and activities as well as on matters of public interest are referred for publication by the DOI. As I have already ruled in my decision dated 9 August 2019, DOI statements should be as factual, non-partisan and as authoritative as possible.*
>
> *26. Consequently, Minister Schembri is to be held responsible for the breach of articles 4.9, 4.10 and 7.4 of the Code of Ethics for Ministers and Parliamentary Secretaries. Nevertheless, it is my view that this case is not so serious as to exclude the possibility of resolution in terms of article 22(5) of the Act, according to which the person investigated can be given a time limit within which to remedy the breach.*

12. Bl-istess mod l-esponent huwa tal-fehma li stqarrijiet uffiċjali maħruġa mill-gvern għandhom ikunu dejjem fattwali u mhux partiġġjani, anki jekk jinħarġu b'risposta għal kritika partiġġjana. Jekk ministru jħoss li għandu jwieġeb għall-kritika b'mod partiġġjan, jista' juża l-mezzi soċjali personali tiegħu jew il-mezzi tal-partit politiku tiegħu, kif isir ta' spiss. Għalhekk hija l-konklużjoni tal-esponent li dan il-każ jirrappreżenta ksur tal-artikoli 4.9, 4.10 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

13. Huwa minnu li kif qal l-Ilmentatur, il-predeċessur tiegħi wissa li kien se jkun aktar iebes f'każi simili. Madankollu l-esponent qies li l-Onor. Dalli dak iż-żmien ma kinitx parti mill-eżekuttiv, u oltre dan wieħed irid jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li issa għaddew aktar minn tliet snin u nofs mill-aħħar

każ ta' din in-natura li ġie deċiż minn dan l-Uffiċċju. Għalhekk l-esponent deherlu li għandu jimxi bl-istess mod f'dan il-każ.

14. Fl-4 ta' Lulju 2024 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Dalli biex jipproponi li hija tibgħat apoloġija talli ġew inklużi siltiet ta' natura partiġġjana fi stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tagħha, filwaqt li tintrabat li dan ma jerġax jiġri fil-futur.

15. Il-Ministru Dalli wieġbet fid-9 ta' Awwissu 2024 (ittra annessa bħala d-**Dokument B**). Hija qalet:

> *Nikkonferma dak li stqarrejt fl-ittra mibgħuta lilek fis-17 ta' Mejju 2024 li nassigura li l-komunikazzjoni li toħroġ mill-Ministeru ma jkun fiha xejn li jista' jiġi interpretat bħala ton partiġġjan, irrispettivament miċ-ċirkostanzi.*
>
> *Inoltre, niskuża ruħi jekk it-ton tar-risposta li ħarġet mill-Ministeru għall-istqarrija tal-Oppożizzjoni huwa meqjus bħala ta' natura partiġġjana.*

**Konklużjonijiet**

16. Bis-saħħa ta' din l-apoloġija is-sottoskritt qed jagħlaq il-każ ai termini tal-imsemmi artiklu 22(5) tal-Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta.

17. Is-sottoskritt itenni r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju Hyzler li għandha tiġi mfassla policy dwar x'tip ta' stqarrijiet jistgħu jinħarġu permezz tad-DOI, ġaladarba skont kif jindika l-każ preżenti din ir-rakkomandazzjoni għadha ma ġietx imwettqa. Id-DOI għandu jkollu s-setgħa li ma jaċċettax kontenut li jmur kontra l-policy fi stqarrijiet li jiġu riferuti lilu biex jippubblikahom.

18. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentatur u lill-Ministru Miriam Dalli, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja qed tintbagħat ukoll lis-Segretarju Permanenti Ewlieni in vista tal-paragrafu preċedenti. Kopja se titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata 17 ta' Mejju 2024 mingħand il-Ministru Miriam Dalli. |
| Dokument B | Ittra datata 9 ta' Awwissu 2024 mingħand il-Ministru Dalli. |

DOKUMENT A

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210

Illum, 17 ta' Mejju 2024

**Re: Każ K/058 dwar stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tiegħek**

Prim Imħallef Emeritu,

Nikteb bi tweġiba għall-ittra tiegħek datata 21 ta' Marzu 2024, rigward l-ilment dwar l-istqarrija uffiċjali maħruġa mill-Ministeru tiegħi fl-14 ta' Frar 2024.

Din l-istqarrija ġiet ippubblikata ftit tas-sigħat wara konferenza tal-aħbarijiet u stqarrija tal-Oppożizzjoni[1], li permezz tagħhom akkużat lill-Gvern b'ippjanar ħażin u dewmien esaġerat fi proġetti infrastrutturali, b'mod partikolari l-proġett tal-pjazza tal-Kalkara.

L-istqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir kellha l-għan li tipprovdi informazzjoni fattwali dwar diversi proġetti li qed isiru fin-Nofsinhar ta' Malta u n-nefqa fuqhom, materja li m'hemmx dubju li hija fl-interess pubbliku. Proprju minħabba li din l-informazzjoni hija fl-interess tal-pubbliku li l-istqarrija nħarġet mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI).

[1] https://timesofmalta.com/article/project-no-plan-pn-slams-twoyear-delay-kalkara-works.1083792

Xatt il-Barriera , Valletta, Malta
T +356 2291 7332 E miriam.dalli@gov.mt

www.sostenibilita.gov.mt

Nemmen ukoll li l-għoti ta' informazzjoni bħal din huwa obbligu tal-Ministri li huma marbuta bil-Kodiċi tal-Etika li jkunu "miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni" u jagħtu informazzjoni 'sħiħa u korretta".

Jiena nirrispetta d-dritt tal-membri tal-Oppożizzjoni li jikkritikaw l-operat tal-Gvern, anke jekk dan isir b'mod mill-aktar partiġġjan. Mill-banda l-oħra nħoss li huwa l-obbligu tal-Ministeru tiegħi li nindirizza l-għoti ta' informazzjoni skorretta, partikolarment meta din tkun qed tgħawweġ fatti fuq l-operat u l-proġetti tal-Ministeru li mmexxi.

Iż-żewġ siltiet qosra mill-istqarrija li dwarhom ġibed l-attenzjoni l-ilmentatur kienu maħsuba sabiex tikkoreġi l-informazzjoni żbaljata u tiddefendi l-prestazzjoni tal-Gvern. Ir-referenza għal amministrazzjonijiet ta' żminijiet oħra saret sabiex twieġeb lill-Oppożizzjoni u toħroġ paragun ċar bejn sitwazzjonijiet differenti.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, inħoss li t-tweġiba tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir kienet waħda proporzjonata biex twieġeb u tesponi l-metodi użati mill-Oppożizzjoni fil-konferenza tal-aħbarijiet u l-istqarrija. L-Oppożizzjoni Nazzjonalista kienet qed tikkritika l-ħidma li saret mill-Ministeru, u kien għalhekk li r-risposta ħarget mill-Ministeru.

Inħoss li bl-ebda mod waqt il-kitba u l-pubblikazzjoni ta' din l-istqarrija ma ssottovalutajt jew inqast il-prinċipju tal-imparzjalità tas-servizz pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi. Fil-ħidma tiegħi nagħti l-kunsiderazzjoni kollha li hemm bżonn, inkluż tal-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fil-Ministeru li mmexxi u lil hinn, kif mitlub f'artikolu 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarju Parlamentari. Barra minn hekk, l-informazzjoni li pprovda l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir bl-ebda mod ma tnaqqas mir-rispett lejn il-prinċipju tal-imparzjalità tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

Fuq kollox, nifhem l-importanza tas-separazzjoni bejn il-Gvern u l-partiti politiċi u l-ħtieġa li din is-separazzjoni tidher li qegħda hemm. Għalhekk nifhem ukoll li l-inklużjoni taż-żewġ kummenti kkwotati fl-ittra tiegħek kienu kalibrati biex jirrispondu għat-ton partiġġjan użat mill-kelliema tal-Oppożizzjoni. Nagħraf li l-Uffiċċju tiegħek jesiġi li jkun hemm attenzjoni massima għal dawn l-aspetti, anke f'sitwazzjoni fejn Ministru jew Segretarju Parlamentari jiġu attakkati b'mod distruttiv u partiġġjan.

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

Fid-dawl ta' dan, u nħoss li l-istqarrijiet li joħorġu mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jixhdu dan, ser nagħmel l-almu tiegħi sabiex nassigura li l-komunikazzjoni li toħroġ mill-Ministeru ma jkun fiha xejn li jista' jiġi interpretat bħala ton partiġġjan, irrispettivament miċ-ċirkostanzi.

Inselli għalik,

**Onor. Dott Miriam Dalli**
Ministru għall-Ambjent, l-Energija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Xatt il-Barriera , Valletta, Malta
**T** +356 2291 7332 **E** miriam.dalli@gov.mt

**www.sostenibilita.gov.mt**

DOKUMENT B

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl,

Il-Belt Valletta, VLT 1210

Illum, 9 t'Awissu

**Re: Każ K/058 dwar stqarrija uffiċjali maħruġa mill-Ministeru tiegħek**

Prim Imħallef Emeritu,

Nikteb bi tweġiba għall-ittra tiegħek datata 4 ta' Lulju 2024, rigward l-ilment dwar l-istqarrija uffiċjali maħruġa mill-Ministeru tiegħi fl-14 ta' Frar 2024.

Nikkonferma dak li stqarrejt fl-ittra mibgħuta lilek fis-17 ta' Mejju 2024 li nassigura li l-kommunikazzjoni li toħroġ mill-Ministeru ma jkun fiha xejn li jista' jiġi interpretat bħala ton partiġġjan, irrispettivament miċ-ċirkostanzi.

Inoltre, niskuża ruħi jekk it-ton tar-risposta li ħarġet mill-Ministeru għall-istqarrija tal-Opożizzjoni huwa meqjus bħala ta' natura partiġġjana.

Inselli għalik,

**Onor. Dr. Miriam Dalli**

Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Xatt il-Barriera , Valletta, Malta
**T** +356 2291 7332 **E** miriam.dalli@gov.mt

**www.sostenibilita.gov.mt**